24 ta' Jannar, 1955

Imħallfin :
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Bugeja
*versus*
Il-Wisq Nobbli Markiż Paolo Apap Bologna ne et.

**Legat — Rendita Vitalizja — Akkrexximent — Art. 774 u 798 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-liġi ma timpedix id-dritt ta' l-akkrexximent li jkun ordnat espressament fit-testment b'dispożizzjoni ta' legat konġuntiv ta' annwalità vitalizja favur persuni kapaċi li jirċievu legati, bħal ma huma l-ulied imwielda jew li għad jitwieldu minn persuna li tkun ħajja fi żmien il-mewt tat-testatur; u dak li l-liġi ma tipprojbiehx jista' jiġi ordnat mit-testatur, u għandu jiġi rispettat.*

*Jekk xi waħda mill-persuni gratifikati b'legat konġuntiv ta' rendita vitalizja bid-dritt ta' l-akkrexximent taċċetta riduzzjoni fil-"quantum" ta' sehemha mill-legat, dik ir-riduzzjoni ma tivvinkolax lill-legatarji l-oħra li ma jkunux ħadu parti fil-kuntratt fejn saret dik ir-riduzzjoni u ma jkunux aċċettawha; b'mod li,*

*jekk dik il-persuna li aċċettat riduzzjoni tar-rendita formanti oġġett tal-legat tiġi nieqsa, il-legatarji l-oħra li favur tagħhom jopera ruħu l-akkrexximent ma humiex preġudikati b'dik ir-riduzzjoni hekk aċċettata, u għandhom dritt jeżiġu l-ħlus tar-rendita hekk akkrexxuta fl-ammont stabbilit mit-testatur. Għax id-dritt ta' l-akkrexximent ikun ġej direttament mit-testatur, u mhux minn dak il-legatarju li ġie nieqes wara li aċċetta r-riduzzjoni tal-legat.*

Il-Qorti—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur, wara li ppremetta illi, bit-*testment sigriet* tal-Markiż Vincenzo Bugeja u martu Anna Bugeja, magħmul fil-forma "unica charta", u miftuħ u pubbkat permezz tan-Nutar Achille Micallef fit-18 ta' Settembru 1890, it-testatur Markiż Vincenzo Bugeja kien ordna fl-art. 17 legat ta' rendita annwa matul ħajjithom lill-ulied Carlo Bugeja ta' £213.5.1, bejniethom, u fl-art. 18 bis legat ta' £200 fis-sena u tul ħajjithom bejn l-istess ulied ta' Carlo Bugeja; u illi t-testatur, fiż-żewġ legati fuq indikati, ordna illi s-sehem ta' kull wieħed li jmut mill-istess legatarji għandu jakkrexxi s-sehem tas-superstiti; u illi l-imsemmi Carlo Bugeja kellu tliet ulied, u ċjoè lill-attur, lil Edoardo Bugeja, u lil Maria mart Walter Ellul Bonnici; u illi l-imsemmija Maria Ellul Bonnici mietet fit-3 ta' Ġunju, 1950, (dok. A); u illi għalhekk is-sehem tagħha mill-imsemmijin legati ta' rendita vitalizja, skond l-artikoli 17 u 18 bis tal-imsemmi testment, għandu issa jakkrexxi s-sehem tas-superstiti ulied Carlo Bugeja; u illi għalhekk, b'effett mit-3 ta' Ġunju, 1950, huwa għandu jirċievi bħala akkrexximent nofs is-sehem ġa perċepit mill-imsemmija oħtu premorta, u ċjoè £35.10.10, għal dak li jirrigwarda l-legat ordnat fl-imsemmi art. 17, u £33.6.8, għal dak li jirrigwarda l-legat ordnat fl-art. 18 bis taċ-ċitat testment, u dan annwalment u tul ħajtu; u illi dawn ir-renditi jitħallsu semestralment, u għalhekk huma dovuti lilu l-iskadenzi tat-3 ta' Diċembru, 1950, tat-3 ta' Ġunju, 1951, u tat-3 ta' Diċembru, 1951, taż-żewġ legati, ammontanti dawn l-iskadenzi għal £103.6.3; talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenuti fil-kwalità tagħhom premessa jiġu kun-

dantrati jħallsuħ is-somma fuq imsemmija ta' £103.6.3, bħala sehem tiegħu tal-ammont li akkrexxa l-legati fuq indikati ta' rendita vitalizja skond l-imsemmijin artikoli 17 u 18 bis bil-mewt tal-fuq imsemmija Maria Ellul Bonnici, u dan għall-iskadenzi ndikati tat-3 ta' Diċembru, 1950, tat-3 ta' Ġunju, 1951, u tat-3 ta' Diċembru, 1951. Bl-imgħax legali għall-ewwel żewġ skadenzi mid-data tal-infraskritta ittra uffiċjali, u minn notifika tal-preżenti ċitazzjoni għall-aħħar skadenza. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Ottubru, 1951;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, li biha opponew ruħhom għad-domanda tal-attur, peress illi huwa għandu jieħu biss £95. 1. 11¼, billi l-legati fil-kwistjoni, bħal legati kollha ordnati mill-Markiż Bugeja, subew riduzzjoni in vista tal-"quarta uxoria" reklamata mill-armla tiegħu, u dan sar b'kuntratt pubblikat minn Nutar Achille Micallef fil-31 ta' Diċembru 1891, debitament approvat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, u fuq adeżjoni tal-awtur, Carlo Bugeja. Del resto, l-istess attur, rigward il-kwota li tmissu bħala wieħed mill-imsejħin għall-legati fl-artikoli 17 u 18 bis, minn dejjem irċieva sehmu minn dawk il-legati bħala suġġetti għar-riduzzjoni fuq imsemmija; illi, għall-informazzjoni tal-Qorti, l-attur, sija pure mingħajr preġudizzju, ġa rċieva l-import fuq imsemmi ta' £95. 1s. 11¼d. Għaldaqstant huma jissottomettu illi d-domanda tal-attur jistħoqqilha tiġi respinta, bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-attur tal-15 ta' Jannar 1952, li biha rriduċa t-talba għal £8. 4s. 2d. oltre l-imgħaxijiet, billi fil-mori tal-kawża huwa rċieva minn għand il-konvenuti fil-kwalità li jidhru fiha s-somma ta' £95. 1. 11¼;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Jannar 1951, li biha l-Qorti ddeċidiet adeżivament għat-talba kif ridotta, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi ma hemmx kwistjoni bejn *il-kontendenti* illi bit-testment imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni l-Markiż Vincenzo Bugeja ħalla ż-żewġ legati hemm imsemmija, ta' £213. 5. 1 u ta' £200, lill-ulied in-neputi tiegħu Carlo Bugeja bejniethom, u bid-dritt ta' l-akkrexximent ta' sehem min *imut favur* is-superstiti. Lanqas ma *hemm kwistjoni bejniethom* dwar kif għandu jiġi diviż dan l-akkrexximent in segwitu għall-mewt ta' Maria Ellul Bonnici, waħda mit-tliet ulied ta' l-imsemmi Carlo Bugeja. Il-kwistjoni bejn il-kontendenti tinsab limitata biss dwar l-ammont dovut lill-attur, *tifel ieħor ta'* l-istess Carlo Bugeja, billi, waqt *illi dan jippretendi* illi għandu jippercepixxi, skond dak it-testment, u bħala akkrexximent, nofs is-sehem ġa perċepit minn oħtu mejta, Maria Ellul Bonnici, jiġifieri £103. 6. 3, li huma ta' tliet skadenzi semestrali ta' £34. 8. 9 il-waħda, *il-konvenuti jallegaw* illi din il-kwota għandha titħallas b'riduzzjoni proporzjonata għall-"quarta uxoria" spettanti lill-Markiża Bugeja kif sejjer jissemma. Tabilħaqq, m'hemmx kontestazzjoni illi, in segwitu għall-mewt tal-*Markiż Vincenzo Bugeja, il-Markiża* Anna Bugeja, il-mara tiegħu, irreklamat illi l-"quarta uxoria" tagħha kienet ġiet leża, u b'kuntratt in segwitu għal digriet tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti numru 542/1891, fl-atti tan-Nutar Achille Micallef tal-31 ta' *Diċembru, 1891*, ġew pattwiti riduzzjonijiet tal-laxxiti kollha, *fosthom dawk* taż-żewġ legati fuq imsemmijin, imħollijin mill-imsemmi Markiż Bugeja, biex jagħmlu tajjeb għall-"quarta uxoria" leża bit-testment;

Illi, kif jissottometti l-attur, l-awtorizzazzjoni mogħtija mis-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti kienet biss għar-riduzzjoni tal-legat imħolli mill-*Markiż Bugeja* fl-art. 16 ta' *l-imsemmi* testment, mitluba mill-amministraturi ta' l-istess legat, u ma kienetx tolqot iż-żewġ legati l-oħra mħollija fl-art. 17 u 18 bis ta' l-istess tesment. Hu minnu illi Carlo Bugeja, missier l-attur, b'*nota ta' l-10 ta' Diċembru, 1891*, ma kienx opponi ruħu għat-talba ta' dawk l-amministraturi; imma jibqa' *dejjem* illi dik it-talba kienet tirriferixxi għar-riduzzjoni tal-legat imħolli fl-art. 16. Għalhekk, għalkemm bil-kuntratt tal-31 ta' Diċembru, 1891, saret *il-likwidazzjoni tal*-porzjoni riżervata lill-Markiża Anna *Bugeja*, dan il-kuntratt, *apparti*

kull kwistjoni oħra, ma jistax jitqies li għandu effett għal kull ħaġa li saret in eċċess għall-awtorizzazzjoni mogħtija bid-digriet tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti fil-15 ta' Diċembru, 1891, li, kif intqal, kienet limitata għar-riduzzjoni tal-legat imħolli fl-art. 16 tat-testment tal-Markiż Bugeja. U l-konvenuti kienu jafu b'dan; tant illi huma, fuq protesti, kif jidher, ta' l-attur, li ma riedx joqgħod għal dik ir-riduzzjoni in kwantu kienet tirrigwarda ż-żewġ legati ġa msemmijin, u għad li kienet kontemplata fil-kuntratt tal-likwidazzjoni, fil-15 ta' Frar, 1901, jiġifieri wara l-kuntratt tal-31 ta' Diċembru, 1891, ħassew in-neċessità li jiġu, kif ġew, għal transazzjoni dwar kif kellu jiġi ridott il-legat imħolli bl-art. 17, u dan sar b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Carlo Micallef De Caro. Lanqas ma jista' jingħad illi l-attur b'dik it-transazzjoni rrikonoxxa din ir-riduzzjoni, fis-sens illi l-kwota tal-legati dovuta lill-ħutu kellha wkoll tkun ridotta. Apparti illi dik it-transazzjoni kienet saret meta l-attur kien għadu minuri, u illi, kif xehed John Pace, l-attur dejjem sostna illi dik it-transazzjoni kienet inġusta u ma setgħetx issir, l-istess transazzjoni kienet limitata għall-kwota mill-imsemmijin żewġ legati dovuta lill-attur biss, u mhux ukoll għal dik dovuta lill-ħutu. Maria Ellul Bonnici mietet fit-3 ta' Ġunju, 1950, u ma jirriżultax illi sal-mewt tagħha l-kwota lilha dovuta minn dawk il-legati kienet ġiet ridotta. Għalhekk l-attur għandu jirċievi, bħala akkrexximent mitlub minnu fiċ-ċitazzjoni, nofs il-kwota ġa dovuta lil Maria Ellul Bonnici kif ġiet imħollija fit-testment "unica charta" 'l fuq imsemmi;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi t-talba ta' l-attur, kif ridotta minnu, tirriżulta ġustifikata. M'hemmx kwistjoni illi s-somma ta' £95. 1. 11¼ ġiet imħallsa mill-konvenut lill-attur fil-mori tal-kawża; u għalhekk dan ta' l-aħħar ma għandux ibati ebda spejjeż;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti, li biha dawn appellaw mis-sentenza fuq imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Jannar, 1954;

Rat il-petizzjoni tal-konvenuti, li biha dawn talbu r-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u ċ-ċaħda tat-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bit-testment tiegħu l-Markiż Vincenzo Bugeja ħalla żewġ legati, ta' £213.5.1 u ta' £200 rispettivament, lill-ulied in-neputi tiegħu Carlo Bugeja, tul ħajjithom, bid-dritt ta' l-akkrexximent ta' sehem min imut qabel favur is-superstiti (dok. 7 u 8). Ulied Carlo Bugeja kienu tlieta, u fosthom kienu l-atturi u Maria Ellul Bonnici. Din ta' l-aħħar mietet fit-3 ta' Ġunju, 1950; u għalhekk l-attur jippretendi, bis-saħħa tat-testment tad-decujus, li nofs it-terz li kien imiss lil dik Maria Ellul Bonnici jmiss lilu bħala akkrexximent tas-sehem ta' dawk iż-żewġ legati;

Quddiem l-Ewwel Qorti l-konvenuti ma kkontestawx id-dritt ta' l-attur għal dak l-akkrexximent, u llimitaw il-kontestazzjoni tagħhom għall-"quantum", peress li sostnew li l-legati kienu ġew imnaqqsa biex iħallsu l-"quarta uxoria" li, wara l-ftuħ tat-testment, kienet irreklamat l-armla tad-decujus; u għalhekk huma qabdu u ħallsu lill-attur is-somma ta' £95.11.1¼., li tirrappreżenta s-sehem li mill-porzjoni li qabel kienet titħallas lil Maria Ellul Bonnici kien imiss lill-attur bid-dritt ta' l-akkrexximent tal-legat, wara li ġiet imnaqqsa s-somma ta' £8.4.2. għar-raġuni tal-"quarta uxoria" fuq imsemmija. Għalhekk l-ammont mitlub fil-kawża mill-attur illum jinsab ridott għal din l-aħħar somma;

Iżda quddiem din it-Tieni Qorti, l-appellanti ħadu trieq oħra, billi marru kontra l-ammissjoni tagħhom preċedenti u taw l-eċċezzjoni li l-attur ma għandux dritt għall-akkrexximent, għax dana mhux permess mill-liġi. Għaldaqstant din il-Qorti għandha tinvesti żewġ kwistjonijiet: waħda jekk hemmx lok ta' akkrexximent, u l-oħra, fil-każ li hemm, jekk hemmx lok tar-riduzzjoni reklamata mill-appellanti minħabba l-"quarta uxoria";

Fuq l-ewwel eċċezzjoni, il-Qorti tirrileva illi, apparti l-kwistjoni jekk l-appellanti għandhomx jew le d-dritt li jgħamluha, wara li fl-ewwel istanza ammettew id-dritt tal-akkrexximent, billi ħallsu wkoll l-ammont tiegħu bir-riduzzjoni biss tal-parti relativa għall-"quarta uxoria", il-liġi ma timpedix id-dritt ta' l-akkrexximent ordnat espressament fit-

testment f'dispożizzjoni ta' legat konġuntiv ta' annwalità vitalizja favur persuni kapaċi li jirċievu legati, bħal ma huma l-ulied mitwielda jew li għad iridu jitwieldu minn persuna ħajja fi żmien il-mewt tat-testatur. L-art. 774 tal-Kodiċi Ċivili, li minnu l-appellanti jridu jiġbdu argument favur l-eċċezzjoni tagħhom, ma jipprojbix id-dispożizzjoni espressa ta' l-akkrexximent tal-legat favur il-kollegatarju superstiti, iżda huwa biss intiż biex jissupplixxi għas-silenzju tat-testatur fil-każi fiħ kontemplati, biex jagħti l-akkrexximent fuq il-preżunzjoni li t-testatur kien ikun irid li jsir hekk;

Fuq dan, il-Baudry-Lacantinerie-Colin jgħidu :— "E' importante osservare che gli articoli 1044 e 1045 (korrispondenti għall-art. 774 tagħna) contengono solo delle presunzioni destinate a interpretare la volontà del testatore quando questi non l'ha fatta conoscere" (Delle Donazioni e dei Testamenti, Vol. II, no. 2913). U l-Gangi, a propożitu, josserva :— "Che l'accrescimento possa essere dal testatore ordinato in modo espresso o tacito non credo che possa essere revocato in dubbio, specialmente perchè nei casi di chiamata congiuntiva contemplati nell'art. 884 (korrispondenti għall-art. 774 tagħna) l'accrescimento è ammesso in base alla presunta volontà del testatore, e le presunzioni di volontà stabilite in questo articolo non escludono, ma anzi implicano, mi sembra, che la volontà del testatore di ordinare l'accrescimento possa risultare dal testamento in modo espresso o anche tacito, perchè indubbio ..... Quando risulta in modo indubbio che la volontà del testatore è stata quella di ordinare un vero e proprio accrescimento, tale volontà deve avere il suo effetto, non ostante che la istituzione dei vari legatari non sia stata fatta in uno dei modi preveduti nell'art. 884" (I Legati nel Diritto Civile Ital., Vol. II, p. 539). U l-istess awtur ikompli jgħid :— "Quanto al Codice Francese in particolare, è da notare che la dottrina e la giurisprudenza sono quasi unanimi nel riconoscere che gli art. 1044 e 1045, corrispondenti agli articoli 880 e 884 del nostro Codice (korrispondenti għall-art. 774 u 775 tagħna), non contengono che delle presunzioni destinate a interpretare la volontà del testatore quando egli non l'abbia dichiarata espressamente o tacitamente, e che pertanto,

*se il testatore ha espressamente o tacitamente ordinato l'accrescimento in casi in cui in base soltanto agli articoli sopra ricordati esso non potrebbe essere ammesso, la sua volontà deve essere eseguita''* (ibid.);

*Lanqas ma jiswa* għall-appellanti l-art. 798 tal-Kodiċi Ċivili; għax dak l-artikolu jikkontempla l-impożizzjoni ta' piżijiet għall-finijiet ta' legati suċċessivi, fil-waqt li l-legati li fuqhom hawn il-kwistjoni mhumiex legati suċċessivi, għax il-legatarji ma ġewx imsejħin għal legat il-wieħed wara li jkun gawda l-ieħor, *iżda ġew imsejħin flimkien* b'dispożizzjoni waħda u kontemporaneament, bid-dritt biss ta' l-akkrexximent preċiżament biex ikompli sa l-aħħar iseħħ il-legat kollu konġuntiv. U preċiżament minħabba f'hekk ma jistax ikun hemm f'dawk il-legati l-karattru tal-fedekomessi li l-liġi rieliet tolqot u timpedixxi;

Simihnent, il-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Firenze, li kkommentat l-art. 901 tal-Kodiċi Ċivili, simili għall-art. 798 tagħna, issentenzjat li :— ''Non ha il carattere di usufrutto progressivo vietato dall'art. 901 c.c. *quello che non si trasmette* da persona a persona, ma accresce al legatario superstite in forza del nesso congiuntivo stabilito nella disposizione testamentaria'' (Fadda, Giurisprud. Cod. Civ. art. 901, no. 35). U l-istess ħaġa qalet il-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Ruma, in re ''Aria vs. Villa Vitelli'', sentenza tas-7 ta' Lulju, 1891 (ibid.). U tabilħaqq, l-akkrexximent li jsir ''post quaesitum emolumentum'' ma jistax jiġi kunsidrat bħala l-istess ħaġa bħal legat imħolli lil diversi persuni suċċessivament, b'mod li wieħed *ma jibdiex igawdi qabel ma jmut ta' qablu;*

Għaldaqstant għandhom tort l-appellanti meta jsostnu li l-attur ma għandux dritt għall-akkrexximent għax il-liġi ma tippermettiehx; għaliex, anzi, il-liġi ma tagħmel ebda divjet fuq akkrexximent bħal dak in kwistjoni ordnat espressa*ment mit-testatur,* u dak li l-liġi ma tipprojbix jista' jiġi ordnat mit-testatur, u għandu jiġi rispettat;

Ikkunsidrat, fuq it-tieni kwistjoni;

Illi wara l-mewt tal-Markiż Vincenzo Bugeja l-armla tiegħu reklamat il-''quarta uxoria'' tagħha, u għalhekk, wara li s-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, b'digriet numru 542/1891,

tat l-awtorizzazzjoni anki għall-minuri wlied Carlo Bugeja, sar il-kuntratt tal-31 ta' Diċembru, 1891 bejn il-Konservatorju u l-Markiża Bugeja, u bih ġew miftiehma ċerti riduzzjonijiet tal-legati kollha biex tkun tista' titħallas dik il-"quarta uxoria" lill-armla Markiża Bugeja. Iżda, apparti r-riżervi magħmula mis-Sekond'Awla, f'dak il-kuntratt l-attur, li kien minuri, la ħa parti u lanqas ma kien rappreżentat, u għalhekk kull ma sar fih ma kienx jista' jippreġudikah, għax kien "res inter alios acta", u għalhekk l-awtorizzazzjoni preċedenti tas-Sekond'Awla ma kienetx tiswa, għax ma gietx użata minn min seta' jidher għall-minuri fuq il-kuntratt u ma deherx. In-nota adeżiva ta' Carlo Bugeja għar-rikors li bih ġiet mitluba l-awtorizzazzjoni mhux biżżejjed biex tissupplixxi għall-assenza ta' l-attur minn fuq il-kuntratt;

Huwa minnu li Maria Ellul Bonnici, b'kuntratt tal-25 ta' April, 1907, għand in-Nutar C. Micallef De Caro, illikwidat mal-Konservatorju u aċċettat ir-riduzzjoni tal-legati in kwistjoni (dok. fol. 60 et seq.); iżda dik it-transazzjoni, likwidazzjoni u riduzzjoni tal-legati, kienu jikkonċernu biss lil dik Maria Ellul Bonnici għal dak li kien jirrigwarda lilha nnfisha. L-attur, li allura kien għadu minuri, ma kienx intdaħħal f'dak il-kuntratt, u għalhekk dak il-kuntratt ma kienx jista' jippreġudikah, kif lanqas ma seta' javvantaġġjah. Iddritt għall-legat, u għalhekk għall-akkrexximent, kien ġej lill-attur mhux minn Maria Ellul Bonnici direttament, iżda direttament mit-testatur, u għalhekk Maria Ellul Bonnici setgħet tirrinunzja għal dak li seta' kien dovut lilha personalment, u tagħmel fuqu l-ftehim li deherilha; iżda fuq dak li kien ġej mill-attur mit-testatur bis-saħħa tat-testment ma setgħet tagħmel xejn, u mill-kuntratt stess ma jidherx li hija setgħet tikkuntratta, u kkuntrattat, ħlief għal dak li kien jirrigwarda lilha nnfisha. Mill-banda l-oħra, minn meta laħaq l-età maġġuri, l-attur xejn ma għamel li jista' jittieħed bħala akkwijexxenza għar-riduzzjoni tal-akkrexximent. Għaldaqstant, "rebus sic stantibus", l-appellanti ma jistgħux joppomu lill-attur ir-riduzzjoni li huma kienu għamlu mal-armla Markiża Bugeja, jew ma' Maria Ellul Bonnici, relativament għall-legati in kwistjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' l-kawża, billi tiċħad l-appell tal-konvenuti appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti; salv, "si et quatenus", id-dritt għar-riduzzjoni tal-legati rigward l-attur skond il-liġi.